# Il-Logħob tan-Nar għal Festa tal-Vitorja fix-Xagħra 1949 - 1959

## *Korrispondenza bejn is-Sur Ġorġ Mangion u s-Sur Carmelo Sultana*



26 ta' Novembru 2003

Għażiż Ħabib,

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzjak li għoġbok tistedinni biex naqsam l-esperjenzi tiegħi miegħek dwar il-logħob tan-nar li jien ħdimt għal festi tal-Vitorja fix-Xagħra tul is-snin 1949 sal-1959. B'ċerta nostalġija, jien qed infakkar il-memorji tiegħi fil-Programm tal-Festa tal-Vitorja li s-Soċjetà Filarmonika *'Victory'* ser toħroġ fl-2004.

Għal min ma jafnix personalment, jien Ġorġ Mangion, imlaqqam 'il-Waj Waj', minn Ħal Qormi. F'dak iż-żmien li jien kont avviċinat sabiex naħdem in-nar għal festa tal-Vitorja, għalija kien żmien sabiħ ħafna. Żmien ta' ferħ li kont ngħaddi ma dawk il-ħbieb li llum xi wħud minnhom ma għadhomx magħna. Oħrajn li għadhom ħajjin, baqgħu jirrispettawni. Il-pjaċir tagħhom u tiegħi hu li kull darba li niġi x-Xagħra niltaqa' magħhom. Il-ħbieb li kelli f'dawk iż-żmenijiet, kollha għadni niftakarhom. Il-festa tal-Vitorja kont inħobbha u għadni nħobbha. Għalija, din kienet tkun it-tieni festa. Kont naħdem in-nar tal-festa u qatt ma ħsibt kemm flus ser naqla.

L-ewwel darba li ħdimt in-nar għal festa tal-Bambina, kienet is-sena 1949. Il-ftehim kien sar ma Toni Refalo ('il-Kesis'), Karistu Attard ('tad-Dejdu'), u Peppi Refalo ('ta' Lażżru'), illum it-tlieta mejta. Kien hemm ukoll Mikieli Refalo ('iċ-Ċejs') u Toni Attard, ħu Karistu ('tad-Dejdu').

L-ewwel darba li ltqajt magħhom, kien introduċihomli ċertu Salvu Attard, li jiġi kuġin ma Leli Attard, missier martek. Dan Salvu kien jgħix bħali f'Ħal Qormi. Kont aċċettajt ix-xogħol u għamiltilhom kaxxa nfernali ta' sitt mija. Għamilt waħda spanjola ta' tlitt mija u oħra tal-kulur, ta' tlitt mija wkoll, għal waqt il-ħruġ u dħul tal-Bambina, rispettivament.

Dan ix-xogħol kien mar tajjeb u ntogħġob ħafna u tgħidx kemm ħadu pjaċir bih ix-Xagħrin. Barra l-flus li daħħalt skond il-ftehim, ġejt offrut tazza tal-fidda sabiex tibqa' bħala tifkira tal-festa tal-Vitorja. Dan għalija kien ġest sabiħ ħafna, li żgur li nibqa' niftakru. Ta' dan jien kont irringrazzjajthom. Għandi raġun inkun grat lejn ix-Xagħrin, għax waqt li jien ħriġt ta' raġel magħhom, huma wkoll imxew ta' rġiel miegħi.

Wara xi żmien, ma nafx x'kien ġara, għaliex kull darba li kienet tkun ġejja l-festa, il-ftehim dwar ix-xogħol tan-nar beda jsir mas-saċerdot Dun Ben Attard. Għalhekk bdejt naħdem dak li jordnali hu. Darba waħda, llum ma niftakarx f'liema sena, kien ordnali erba' murtali kbar tal-kulur bi tlitt taqsimiet. Bħal dawn, ix-Xagħrin qatt ma kienu raw. Niftakar li dawn kienu żieda ma kaxxa nfernali li Dun Ben kien ordnali. Domt diversi snin naħdem din il-kwalità ta' nar. L-aħħar xogħol li kont għamilt kien tmien murtali kbar tal-ftuħ. Nista' ngħid li wara s-sena 1959, minħabba li kien żdiedli x-xogħol tal-ħobż fil-forn ta' missieri, ma stajtx nibqa naħdem dak in-nar kollu li kont naħdem qabel.

Il-Kanonku Den Ben Attard kien iħobbha ħafna l-festa tal-Bambina u kien jieħu pjaċir u jkun sodisfatt bix-xogħol tiegħi. Kien jimxi ta' raġel miegħi, u dak il-grokk *whisky* flimkien ma kienx jonqos fil-ġurnata tal-festa. Niftakar li darba waħda qalli "Ġorġ, imxi miegħi sad-dar tiegħi ħalli naqbad il-gamiem minn ġol-guva". Meta wasalna, tagħni kaxxa tal-kartun u ġo fiha beda jitfa' l-gamiem. Meta qabad kemm dehrlu, f'kull sieq tal-gamiem beda jorbot żigarella ħamra. F'qalbi jien għidt "Dan x'ġej?". Dun Ben kien qed jagħmel dan biex x'ħin l-istatwa tal-Bambina fil-ħruġ tagħha titfaċċa fil-bieb tal-knisja għal purċissjoni, persuni nkarigati minnu jibdew jerħu dak il-gamiem. Dan il-ġest kien jagħmel effett sabiħ ħafna, meta wieħed jara dak il-gamiem jittajjar 'l hawn u 'l hemm fil-pjazza mimlija nies. Iċ-ċapċip tal-folla kien ikun kbir, u fuq wiċċ kulħadd kienet tidher espressjoni ta' ferħ.

L-għada filgħodu, mas-sebħ, konna nisimgħu t-tiri tas-snieter tal-kaċċaturi. Kienu jkunu tiri sparati fuq dak il-gamiem li l-ġurnata ta' qabel kien ġie mtajjar waqt il-ħruġ tal-Bambina.

Meta kont niġi x-Xagħra, kont noqgħod għand Leli Attard li kellu ħanut tax-xorb jismu *'Princess Marina'*, sewwa sew quddiem is-salib fi Pjazza Vitorja. Kemm-il darba kien jistedinni għall-ikel. Leli kien raġel sewwa. Jien kont inġib xi żewġ ħobżiet mill-forn tagħna biex Leli jiekol minnu. Kien jgħid li kien fih togħma bnina. Il-mara tiegħu, Maria, ilħaqtha wkoll. Kienet mara ta' l-affari tagħha u dħulija. Kienet taf issajjar tajjeb.

Issa aħjar nieqaf, għax meta naqbad nitkellem fuq il-ħbieb li kelli x-Xagħra ma nispiċċa qatt. Huma kienu jirrispettawni u l-istess nagħmel jien. Lil dawk li mietu, Alla jaħfrilhom, u l-oħrajn li għadhom ħajjin nixtieqilhom għomor twil mimli b'kull ġid.

Saħħa,

***Ġorġ Mangion***